KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

# IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 27

**L-Erbgħa 14 ta' April 2021**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' onlajn fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Dott. Daniel John Attard – Sindku
Kyle Mifsud – Viċi Sindku
Marika Sammut Dimech – Kunsillier
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 27.1 Qari tal-Apoloġiji

27.1.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 26

27.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

27.2.2 Fuq talba tas-Sindku kien hemm qbil li ssir emenda fuq punt 26.3.7, biex jitneħħew il-kliem 'temporanja u' biex issa s-sentenza taqra 'Din tkun biss b'sistema riversibbli.'

27.2.3 Il-minuti tas-seduti numru 26 ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

### 27.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

27.3.1 Is-Sindku informa li dwar l-*International School* kien talab li tinżamm laqgħa mal-kunsill u oħra separata mar-residenti. Il-laqgħa mal-Kunsill kienet se tinżamm nhar it-Tnejn 26 ta' April fil-5pm filwaqt li mar-residenti kienet se tinżamm l-għada t-Tlieta 27 ta' April. Huwa informa li kienet se tintwera presentation viżwali sabiex wieħed jifhem aħjar x'qed jiġi propost.

27.3.2 Is-Sindku informa li fir-rigward tal-kwistjoni tal-klabb tal-futbol, min-naħa tal-Gvern Ċentrali kien provdielhom post alternattiv għat-training. Min-naħa tal-investituri kienu wkoll provdewlhom appartament għan-nursery u ieħor għat-tim tal-kbar biex jintużaw bħala uffiċju temporanju u jkun imħallas minnhom stess.

27.3.3 Is-Sindku informa li min-naħa tad-Drama Group, dawn qatt ma kienu avviċinaw lil xi membru mill-Kunsill għal xi tip ta' għajnuna anzi l-Kunsill intuża biss biex minflok jintwera dell ikrah fuqu. Is-Sindku ssuġġerixxa li wara l-laqgħa informattiva tiġi ppubblikata stqarrija pubblika. Kien hemm qbil li kulmin jixtieq jipparteċipa fil-laqgħa jista' jagħmel dan b'reġistrazzjoni minn qabel u jekk ikun hemm xi mistoqsijiet jew rakkomandazzjonijiet għandhom jintbagħtu minn qabel sabiex ma jkunx hemm mistoqsijiet ripetittivi. Kemm-il darba jkun fadal ħin, jista' jkun hemm lok għal aktar mistoqsijiet jew suġġerimenti.

27.3.4 Għaldaqstant is-Sindku informa li kien se joħloq *email address* komuni għall-konsultazzjoni u titpoġġa post fuq il-paġna ta' facebook tal-Kunsill.

27.3.5 Is-Sindku informa li fuq il-pjazza kien hemm laqgħa mal-periti tal-Ministeru u minħabba li l-Kurja kienet qed turi l-interess u l-intenzjoni li tibni knisja fil-parkeġġ, qed jirrakkomandaw li l-ħnejjiet ma jitneħħewx. Kien hemm diskussjoni dwar it-tajjeb u l-ħazin tal-ħnejjiet u wara evalwazzjoni kien hemm qbil li fiċ-ċirkostanza li parti mill-fetħa tal-pjazza issa se tingħalaq bil-binja tal-Knisja, ikun aħjar jekk il-fetħa tal-pjazza ta' quddiem l-għassa tinfetaħ aktar.

27.3.6 Għaldaqstant kien hemm qbil li l-arkati għandhom jitneħħew u ssir evalwazzjoni ġdida għat-tisbiħ taż-żona.

27.3.7 Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill jiddiskuti mal-Knisja dwar il-bżonn li jiġi kreat xi tip ta' parkeġġ, possibbilment sotterran, taħt il-Knisja li se tinbena. Is-Sindku informa li min-naħa tal-Ministeru kellhom pjan li x-xogħol jingħata bidu f'Settembru li ġej.

## 27.4 Rapport tal-Bord tal-intervisti għal Uffiċjal Eżekuttiv

27.4.1 Is-SE preżentat ir-rapport tal-bord tal-intervisti fejn infurmat li għalkemm kien hemm numru ta' applikanti, wieħed biss kien eliġibbli. Wara li saret l-intervista, kien hemm qbil unanimu bejn il-membri tal-bord preżenti li l-persuna li attendiet għall-intervista kienet tidher li tissodisfa l-kriterji u l-bżonnijiet tal-Kunsill. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li mill-aktar fis possibbli, is-SE għandha tipproċedi bl-ingaġġ tiegħu bħala Uffiċjal Eżekuttiv.

## 27.5 Kommunikazzjoni min-naħa tal-Kunsillier Mifsud, rappreżentant tal-Kunsill fuq ir-Reġjun Tramuntana

27.5.1 Il-Kunsillier Mifsud infurmat li wara li ntbagħtet l-aħħar kommunikazzjoni mir-Reġjun dwar is-CCTV's jidher li se jkun hemm biss 2 CCTV's u mhux 3 li qed jiġu offruti bla ħlas (Gregorio Carafa u Reġimenti Maltin). Fir-rigward tat-tielet waħda, dik għal Binja Qlejgħa min-naħa tal-Iskola Primarja, kien hemm qbil li l-Kunsillier Mifsud għandha ġġib aktar informazzjoni qabel nipproċedu.

27.5.2 Il-Kunsillier Mifsud infurmat li r-Reġjun kien se jkun qed jagħti sponsorship għal defibrillator lil kull lokalità. Kien hemm qbil li din għandha titwaħħal viċin l-għassa.

27.5.3 Il-Kunsillier Mifsud infurmat li r-Reġjun kien se joħorġ offerta għall-ġbir ta' *green waste* (skart ta' biċċiet minn siġar, weraq, eċċ) biex jinbidel f'kompost. Għall-mistoqsija jekk dan il-kompost kienx se jingħata lura lil-lokalitajiet, il-Kunsillier Mifsud infurmat li kienet se ġġib aktar informazzjoni u tgħaddiha permezz tal-*email* lill-Kunsill kollu.

## 27.6 Punti Oħra

27.6.1 Is-SE infurmat li minħabba l-azzjonijiet industrijali, ma setgħux jintbagħtu l-kommunikazzjonijiet tas-soltu sabiex tinżamm il-laqgħa tal-lokalità u għaldaqstant kien hemm bżonn li tiġi posposta. Minħabba li s-SEi kienu għadhom għaddejjin bl-azzjonijiet industrijali kien hemm qbil li d-deċiżjoni għal data ġdida tittieħed meta jkun hemm ċertezza li tista' taħdem fuqha.

27.6.2 Hawnhekk reġgħet ġibdet l-attenzjoni lill-Kunsilliera li kellhom jibgħatulha r-rapporti tagħhom biex jiġu inklużi mar-rapport amministrattiv u jinqraw dakinhar tal-laqgħa. Hija infurmat ukoll li hekk kif tgħaddi d-direttiva kienet se tieħu ħsieb li tgħaddilhom kopja tar-rapport amministrattiv biex jiġi approvat qabel il-laqgħa annwali.

27.6.3 Sadanittant infurmat ukoll li kienet qed taħdem fuq ir-rapport ta' ħidma u talbet lill-Kunsill jindikalha jekk hemmx xi punti żejda li jixtiequ li jiżdiedu mal-10 li għadhom validi mis-sena ta' qabel. Il-Kunsill qabel li jgħaddi kommunikazzjoni lura kemm-il darba hemm xi punti oħra xi jżidu.

27.6.4 Hawnhekk is-SE infurmat li għalkemm ma setgħetx tipprovdi l-ittra li kienet intbagħtet permezz tal-email min-naħa tal-perit tal-kuntrattur Mario Sant minħabba d-direttiva li qed issegwi, l-istess kuntrattur kien infurmaha verbalment li kien reġa' bagħat talba għal estensjoni tad-data tat-tlestija tal-binja taċ-Ċentru tal-Interpretazzjoni. Dan b'mod speċjali minħabba li kien hemm dewmien (minn terzi) biex jiġu mmanifatturati l-ħitan tal-binja u għaldaqstant kien tefa' x-xogħol kollu lura. Fil-fatt il-kuntrattur kien ilu numru ta' ġimgħat bix-xogħlijiet wieqfa. Il-Kunsill qabel li d-data titmexxa sal-aħħar ta' Ġunju hekk kif mitlub.

27.6.5 Sadanittant dan kien ifisser li l-Kunsill ma setax ilesti l-proġett ħolistiku sal-aħħar ta' Ġunju kif kien maħsub. Fuq rakkomandazzjoni tas-SE, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jitlob għal estensjoni tad-data tat-tlestija sal-aħħar ta' Diċembru 2021.

27.6.6 Is-SE infurmat li skont informazzjoni li għaddewlha, id-dawl li kien ilu mitfi minħabba l-ħruq tal-iskips fi Triq Dar il-Kaptan kien inxtegħel. Hija talbet lill-Viċi Sindku biex jikkonferma jekk humiex mixgħula.

## 27.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

27.7.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 4/2021), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Mifsud proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Sammut Dimech issekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 27.8 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

27.8.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7:15pm u ġiet aġġornata għad-19 ta' Mejju fis-5:30pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 19 ta' Mejju 2021.

| | |
|---|---|
| Dr Daniel John Attard | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |